# Beati u Qaddisin...Jannar

8 ta' Jannar

Beata Eurosa Fabris Barban

Il-bniedem ma jitwielidx qaddis izda jhalli lilu niffsu ikun immexxi mill-Ispirtu Qaddis u jimxi mas-sejhat tieghu. Eurosa Fabris Barban li twieldet fis-27 ta' Settembru 1866 f' Quinto Vicento ftit 'l boghod minn Vicenza, imxiet fuq l-linji gwida ta' l-Ispirtu Qaddis.

Kienu jsehlu Rosa u waslet biss sa l-ewwel zewg klassijiet elementari ghax kien jinhass il-bzonn li taghti daqqa t'id fl-ghelieqi. Izda kienet thossha xxurtjata li kienet taf taqra u taghmel xi kontijiet.

Ta' kull filghaxija kienet tingabar mal-familja biex tghid ir-Ruzarju.Id-devozzjonijiet taghha kienu l-Kurcifiss, il-Presepju, l-Ispirtu Santu, it-Tabernaklu, il-Vergni Marija u l-erwieh tal-Purgatorju. Qatt ma naqset li tingabar fit-talb u tistudja t-taghlim tal-knisja. Hija kienet tghallem il-katekizmu fil-parrocca u fid-dar taghha kienet tghallem il-hjata liz-zaghzagh.

Hija kienet mitluba biex tiehu hsieb il-familja ta' wahda mill-giren taghha meta il-mara ta' Carlo Barban mietet minn marda inkurabbli. Wara sitt xhur ta' dan ix-xoghol fuq talba ta' Carlo u l-parir tal-kappillan u l-genituri taghha hija izzewwgitu u b'hekk setghet taghmilha ta' omm liz-zewg ulied li kellu.

Kien sagrificcju kbir ghaliha ghax il-problemi flok jonqsu f'dak iz-zmien ta' ricessjoni kienu aktar joktru. Il-familja kibret u kibru wkoll il-htigijiet. Imma huma kienu jafdaw fil-provdenza divina.

Kienet tghin lil batuti mhux bil-flus ghax dawn kien nieqes imma bil-prodotti ta' l-ghelieqi. Kienet tilqa' ghandha lil dawk li jkunu qed jivvjagaw

minn dawk in-nahat u taghtihom kemm fil-kmamar fejn kienu jzommu t-tiben. Sahansitra kienet tipprovdilhom ukoll l-ikel. Min uliedha tnejn dahlu ghas-sacerdozju, ohra dahlet soru tal-Hniena f'Verona u l-bqija zzewwgu. Qatt ma fittxet il-kumdita' jew il-pjacir izda hinha kien sagrificcju kontinwu. Mietet fit-8 ta' Jannar tas-sena 1932